MT

Netwerk Ewropew
għall-Iżvilupp Rurali

# ENRD

## NIKKOLLEGAW L-EWROPA RURALI

**2014–2020**




*Iffinanzjat minn:* Il-Kummissjoni Ewropea

https://enrd.ec.europa.eu

# L-Iżvilupp rurali tal-UE

## Il-kuntest tal-iżvilupp rurali

L-iżvilupp rurali u l-agrikoltura huma f'pożizzjoni tajba biex jagħmlu kontribuzzjoni ċentrali għat-tkabbir tal-impjiegi u l-prijorità tal-investiment fil-qalba tal-aġenda ekonomika tal-Kummissjoni Ewropea.

Hemm **25 miljun bidwi** fl-UE

Is-settur agroalimentari waħdu jipprovdi **7%** tal-**impjiegi** u 3.5 % tal-valur miżjud tal-UE

Iż-żoni rurali jagħmlu **50%** tat-**territorju tal-UE**

Is-settur agroalimentari huwa r-**4 l-akbar settur tal-esportazzjoni** fl-UE

Ir-reġjuni rurali jipprovdu **20.6%** (46.1 miljun) tal-**impjiegi fl-UE**

## Il-politika tal-Iżvilupp Rurali tal-UE

L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea fittxew li jwieġbu għall-isfidi u l-opportunitajiet li jiltaqgħu magħhom iż-żoni rurali billi jiżviluppaw politika ta' Żvilupp Rurali tal-UE bħala parti mill-Politika Agrikola Komuni (PAK).

### Il-Politika Agrikola Komuni (PAK)

| Pagamenti diretti u miżuri tas-suq | L-Iżvilupp Rurali |
| --- | --- |
| L-ewwel pilastru tal-PAK jappoġġja d-dħul tal-bdiewa — iffinanzjat kollu kemm hu mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija | It-tieni pilastru tal-PAK jappoġġja liż-żoni rurali — koffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali |

## L-objettivi tal-politika tal-Iżvilupp Rurali

Fi ħdan il-qafas globali tal-PAK, il-politika Ewropea dwar l-Iżvilupp Rurali għandha l-għan li tilħaq l-għanijiet li ġejjin:

- it-trawwim tal-kompetittività tal-agrikoltura;
- l-iżgurar tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, u l-azzjoni klimatika;
- il-kisba ta' żvilupp territorjali bilanċjat ta' ekonomiji u komunitajiet rurali, inklużi l-ħolqien u ż-żamma tal-impjiegi.

## Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)

Il-politika hija appoġġjata mill-FAEŻR flimkien ma' finanzjament nazzjonali. L-infiq tal-FAEŻR jistenna r-riżultati li ġejjin:

**335 000 razzett** jirċievu appoġġ sabiex jirristrutturaw jew **jimmodernizzaw**

**175 500 bidwi żagħżugħ** jirċievu appoġġ **għall-iżvilupp tan-negozju tagħhom**

**17.7%** tal-art agrikola tal-UE taħt kuntratti ta' ġestjoni li jappoġġjaw il-**bijodiversità**

**€2.7 biljun** investiti fil-produzzjoni ta' **enerġija rinnovabbli**

**18-il miljun ċittadin** jibbenifikaw minn aċċess imtejjeb għal **servizzi rurali tal-ICT**

**Inħolqu 117 500 impjieg** mhux agrikoli

# Programmi tal-Iżvilupp Rurali

## Sabiex tiġi implimentata l-politika Ewropea dwar l-Iżvilupp Rurali, hemm 118-il Programm ta' Żvilupp Rurali (PŻR) madwar l-UE.

Il-PŻR jiddefinixxu l-azzjonijiet ta' prijorità u l-allokazzjonijiet baġitarji għaż-żona ġeografika speċifika tagħhom.

> "Wieħed mill-vantaġġi kbar tal-kunċett ta' Żvilupp Rurali tagħna huwa li filwaqt li aħna għandna prijoritajiet ewlenin, huwa f'idejn kull Stat Membru jew reġjun li jfassal programm li jkun addattat għall-isfidi u l-opportunitajiet tiegħu."

Phil Hogan,
il-Kummissarju
għall-Agrikoltura
u l-Iżvilupp Rurali



# Netwerking għall-kisba tar-riżultati

## Sabiex jinkisbu l-aqwa eżiti possibbli mill-PŻR, ġew stabbiliti netwerks rurali madwar l-Ewropa.

In-Netwerks Rurali Nazzjonali (NRN) jappoġġjaw l-iskambju u t-tagħlim bejn l-imsieħba kollha involuti fl-implimentazzjoni ta' politika dwar l-Iżvilupp Rurali fl-Istati Membri tal-UE: awtoritajiet pubbliċi, imsieħba ekonomiċi u soċjali u l-korpi rilevanti li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili.

Huwa f'dan il-kuntest li nħoloq in-**Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali** (ENRD) sabiex jappoġġja t-tagħlim u l-iskambju transnazzjonali u transkonfinali.

(1) iżid l-involviment tal-partijiet interessati fl-iżvilupp rurali;

(2) itejjeb il-kwalità tal-Programmi ta' Żvilupp Rurali;

(3) jgħarraf aħjar dwar il-benefiċċji tal-politika dwar l-Iżvilupp Rurali;

(4) jappoġġja l-evalwazzjoni tal-Programmi ta' Żvilupp Rurali.

L-ENRD jaħdem flimkien mat-tieni netwerk rurali Ewropew: is-**Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-Produttività u s-Sostenibbiltà fil-qasam Agrikolu** (EIP-AGRI). EIP-AGRI taħdem sabiex tippromwovi l-innovazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien bil-għan li trawwem biedja u forestrija kompetittivi u sostenibbli.

eip-agri
AGRICULTURE & INNOVATION



# Il-governanza tan-netwerk

**Il-ħidma tan-netwerks ENRD u EIP-AGRI hija ggwidata minn strutturi ta' governanza formali li jlaqqgħu flimkien il-firxa ta' gruppi ta' partijiet interessati fil-qasam tal-iżvilupp rurali.**

L-**Assemblea tan-Netwerks Rurali** tiltaqa' kull sena sabiex tipprovdi direzzjoni strateġika, gwida u pariri għall-ħidma tan-netwerks ENRD u EIP-AGRI. Hija tenfasizza l-kwistjonijiet emerġenti u s-suġġetti importanti li jridu jaħdmu fuqhom in-netwerks.



**Rappreżentanti 'governattivi'**
- 28 Aġenzija tal-Pagamenti
- 28 Awtorità Maniġerjali

**Rappreżentanti 'Ċivili u Lokali'**
- 28 Grupp ta' Azzjoni Lokali LEADER
- 25 Organizzazzjoni Mhux Governattivi tal-UE
- 3 Organizzazzjonijiet ta' Awtoritajiet Reġjonali/Lokali

**Rappreżentanti tal-'Innovazzjoni'**
- 28 Servizz ta' Konsulenza Agrikola
- 28 Istitut ta' Riċerka Agrikola

**Rappreżentanti tal-NRN**
- 28 Netwerk Rurali Nazzjonali

Il-**Grupp ta' Tmexxija tan-Netwerks Rurali** iżgħar isegwi l-ħidma tan-netwerks ENRD u EIP-AGRI darbtejn jew tliet darbiet fis-sena. Ir-rwol tiegħu huwa notevolment li jiżgura l-koordinazzjoni tajba tal-ħidma tematika.



- 28 Netwerk Rurali Nazzjonali / Awtorità Maniġerjali
- 4 Awtoritajiet responsabbli mill-evalwazzjoni
- 12-il Organizzazzjoni tal-UE
- 4 Servizzi ta' Konsulenza / Istituti ta' Riċerka Agrikola

# Unitajiet ta' Appoġġ tan-Netwerk

**Il-ħidma tal-ENRD hija ffaċilitata minn żewġ unitajiet ta' appoġġ: il-Punt ta' Kuntatt tal-ENRD u l-Helpdesk Ewropew tal-Evalwazzjoni għall-Iżvilupp Rurali.**

Netwerk Ewropew
Għall-Iżvilupp Rurali

Il-**Punt ta' Kuntatt** (PK) jappoġġja l-operat tal-ENRD. Huwa jikkoordina l-ħidma tematika u analitika, jiffaċilita n-networking u l-iskambju u jikkomunika l-ħidma u l-vuċijiet tan-netwerk.

Il-**Helpdesk tal-Evalwazzjoni** jipprovdi appoġġ speċjalizzat maħsub biex itejjeb il-metodi, l-għodod, l-għarfien u l-fehim għall-evalwazzjoni tal-PŻR.

In-Netwerks Rurali Nazzjonali għandhom ukoll l-**Unitajiet ta' Appoġġ għan-Netwerk** (NSUs) tagħhom stess.

- Sib id-dettalji ta' kuntatt permezz tal-mappa li tista' tikklikkja fuqha fuq is-sit elettroniku tal-ENRD.



# Netwerking u skambju

**Il-Punt ta' Kuntatt u l-Helpdesk tal-Evalwazzjoni jorganizzaw serje ta' laqgħat u avvenimenti sabiex ilaqqgħu flimkien lill-partijiet ikkonċernati fil-qasam tal-iżvilupp rurali.**

## Il-laqgħat tal-NRN

**Il-laqgħat tal-NRN** ilaqqgħu flimkien rappreżentanti min-Netwerks Rurali Nazzjonali sabiex jiddiskutu u jiskambjaw il-prijoritajiet, il-ħidma, l-ideat u t-tħassib tagħhom. Dawn il-laqgħat, li jsiru darbtejn jew tliet darbiet fis-sena, jiffaċilitaw in-netwerking bejn l-Istati Membri, kif ukoll bejn il-livelli nazzjonali u Ewropej.

+ Ara l-preżentazzjonijiet u r-rapporti tal-laqgħat fuq is-sit elettroniku tal-ENRD.



**Il-gruppi ta' ħidma tematiċi** jlaqqgħu flimkien lill-partijiet interessati sabiex jiddiskutu għarfien komuni, messaġġi ewlenin u eżempji ta' prattika tajba fuq suġġett magħżul. Il-gruppi ġeneralment jiltaqgħu bejn 3 u 4 darbiet fis-sena u jikkontribwixxu għall-outputs tal-iżvilupp tal-għarfien.

✚ Skopri t-temi attwali fuq is-sit elettorniku tal-ENRD.

**Is-seminars tal-ENRD** ilaqqgħu flimkien id-diversità sħiħa ta' partijiet interessati minn madwar l-Ewropa sabiex jiddiskutu l-aħħar ħsibijiet u l-aqwa ideat fuq suġġett partikolari fil-qasam tal-iżvilupp rurali. Kull sena jiġu organizzati madwar żewġ seminars bħal dawn, li jinvolvu Netwerks Rurali Nazzjonali, Awtoritajiet Maniġerjali, Aġenziji tal-Pagamenti, Gruppi ta' Azzjoni Lokali, Organizzazzjonijiet Ewropej u aktar…




**Is-sessjonijiet ta' ħidma** huma avvenimenti ta' bini tal-kapaċità mmirati għal partijiet interessati mistednin ewlenin involuti fl-implimentazzjoni jew fl-evalwazzjoni tal-Programmi ta' Żvilupp Rurali. Huma jiffokaw fuq it-titjib tal-kunsinna teknika abbażi ta' prattika tajba eżistenti.

# L-iżvilupp ta' għarfien dwar il-PŻR

## Il-Punt ta' Kuntatt tal-ENRD jipprovdi analiżi dettaljata tal-politika, tal-programmi u ta' suġġetti importanti dwar l-iżvilupp rurali. Huwa jippreżentahom f'forom li jistgħu jinftiehmu faċilment kemm minn udjenzi ta' esperti kif ukoll minn dawk li mhumiex esperti.

**Is-sommarji tal-PŻR** jenfasizzaw il-kontenut magħżul ta' kull Programm ta' Żvilupp Rurali reġjonali u nazzjonali, inkluża n-nefqa ppjanata u l-miri għall-2023.

➕ Niżżilhom minn fuq is-sit elettroniku tal-ENRD.






**3. Planned expenditure per priority**

The following table shows how the planned total public expenditure (comprising the EAFRD support and the national contribution) is allocated between rural development priorities. Priority 1 is considered to be cross-cutting and no separate financial allocation is shown as the expenditure is distributed across other focus areas.

| | Priority | Total public expenditure per priority (million EUR) | % of total public expenditure* |
|---|---|---|---|
| P1 - Knowledge transfer & innovation | P2 - Competitiveness | 371.9 | 12.8 % |
| | P3 - Food chain & risk management | 272.9 | 9.4 % |
| | P4 - Ecosystems management | 983.1 | 33.7 % |
| | P5 - Resource efficiency & climate | 430.6 | 14.8 % |
| | P6 - Social inclusion & local development | 815.2 | 27.9 % |

** Figures do not add to 100 % because the budget for technical assistance is not included. The budget for technical assistance is available in Section 4.*




**L-iskedi informattivi tal-Ftehim ta' Sħubija** jirriflettu fuq kif kull Stat Membru jħares lejn l-interazzjoni bejn il-politiki u l-fondi differenti tal-UE (b'enfasi speċjali fuq il-FAEŻR).

➕ Niżżilhom minn fuq is-sit elettroniku tal-ENRD.

**Il-prattiki tajbin** fl-implimentazzjoni tal-proġetti u tal-programmi għandhom l-għan kemm li jinkoraġġixxu t-trasferiment tal-approċċi li wrew li jaħdmu, kif ukoll li jispiraw ideat saħansitra aħjar.

✚ Sib prattiki tajbin fuq is-sit elettroniku tal-ENRD.




Il-**Fuljett dwar il-Proġetti tal-FAEŻR** jagħti diversi eżempji ta' prattika tajba. Huwa jippreżenta studji ta' każijiet ta' madwar tużżana proġetti ffinanzjati mill-FAEŻR fuq tema partikolari sabiex jinforma u jservi ta' ispirazzjoni.

✚ Abbona onlajn u niżżel l-edizzjonijiet preċedenti minn fuq is-sit elettroniku tal-ENRD.



L-**EU Rural Review** hija l-pubblikazzjoni tematika ewlenija tal-ENRD. Żewġ edizzjonijiet fis-sena jistabbilixxu l-aħħar għarfien u ħsibijiet dwar suġġetti ewlenin relatati mal-iżvilupp rurali.

✚ Abbona onlajn u niżżel l-edizzjonijiet preċedenti minn fuq is-sit elettroniku tal-ENRD.



# L-Evalwazzjoni TAĦDEM!

**L-evalwazzjonijiet jiffunzjonaw bħala sors ta' informazzjoni importanti mhux biss biex jiġi ġġudikat ir-rendiment tal-linji politiċi, iżda wkoll bħala bażi ta' kontabbiltà u trasparenza għaċ-ċittadini u għall-partijiet interessati. Il-Helpdesk tal-Evalwazzjoni għandu l-għan li bl-attivitajiet tiegħu jiżgura approċċ aktar orjentat lejn ir-riżultati li jiffaċilita l-governanza tajba.**

## Is-sostenn għall-metodi u l-għodod avvanzati għall-evalwazzjoni.




Qegħdin jiġu żviluppati **linji gwida prattiċi dwar l-evalwazzjoni** mill-Helpdesk fi gruppi ta' ħidma tematiċi kollaborattivi. Dawn il-linji gwida huma mmirati sabiex jipprovdu assistenza metodoloġika lill-Awtoritajiet Maniġerjali (AM) u lill-evalwaturi.

✚ Niżżel il-Linji Gwida mit-taqsima dwar l-Evalwazzjoni fuq is-sit elettroniku tal-ENRD.

**Id-dokumenti ta' ħidma** jgħinu fl-għoti ta' informazzjoni lill-partijiet interessati — AM, NRNs u Gruppi ta' Azzjoni Lokali (GAL) — dwar suġġetti speċifiċi relatati mal-evalwazzjoni (pereżempju, mistoqsijiet relatati mal-evalwazzjoni mqajma mill-Istati Membri, taqsimiet dwar l-evalwazzjoni tar-rapporti ta' implimentazzjoni annwali u avvenimenti ta' bini tal-kapaċità).

✚ Niżżel id-Dokumenti ta' Ħidma mit-taqsima dwar l-Evalwazzjoni fuq is-sit elettroniku tal-ENRD.

**L-iskedi informattivi** jiġu prodotti fuq bażi ad hoc u huma ddedikati għal suġġetti relatati mal-evalwazzjoni miġbura permezz ta' sessjonijiet ta' ħidma dwar prattika tajba u avvenimenti ta' bini tal-kapaċità maħsuba biex jappoġġjaw it-trasferiment ta' għarfien ġdid lill-partijiet interessati kollha fl-evalwazzjoni bil-għan li jiġi inkoraġġit djalogu akbar fuq suġġetti importanti b'rabta mal-evalwazzjoni.

✚ Niżżel l-Iskedi Informattivi mit-taqsima dwar l-Evalwazzjoni fuq is-sit elettroniku tal-ENRD.

## Gwida għall-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Evalwazzjoni (PE) tal-Programmi tal-Iżvilupp Rurali (PŻR)

**Il-valutazzjonijiet sinteżi** juru l-progress fl-implimentazzjoni tal-PE, jipprovdu pariri dwar kif tista' tittejjeb l-implimentazzjoni u jidentifikaw prattiki tajbin, billi jkomplu jikkontribwixxu għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni komuni għall-iżvilupp rurali.

✚ Niżżel Sinteżi mit-taqsima dwar l-Evalwazzjoni fuq is-sit elettroniku tal-ENRD.




## It-tixrid ta' għarfien dwar l-evalwazzjoni għall-iżvilupp rurali fl-UE

**Rural Evaluation NEWS** jirrapporta dwar l-aħħar żviluppi fil-komunità tal-evalwazzjoni, inklużi l-aqwa prassi, metodi u attivitajiet ta' bini tal-kapaċità fl-Istati Membri.

✚ Niżżel l-aħħar ħarġa ta' Rural Evaluation NEWS mit-taqsima dwar l-Evalwazzjoni fuq is-sit elettroniku tal-ENRD.



# Komunikazzjoni

**L-għodod ta' komunikazzjoni tal-ENRD jintużaw kemm biex jiċċirkolaw l-aħħar għarfien u informazzjoni madwar in-netwerk, kif ukoll sabiex jinkoraġġixxu u jiffaċilitaw id-djalogu bejn il-partijiet interessati.**

Is- **sit elettroniku tal-ENRD** huwa l-punt uniku ta' servizz għal dak kollu li trid tkun taf dwar l-ENRD. Huwa jinkludi ħarsa ġenerali lejn il-politika, l-aħbarijiet u l-avvenimenti, l-outputs tal-iżvilupp tal-għarfien, is-settijiet ta' għodod, il-kuntatti nazzjonali, pubblikazzjonijiet u aktar...

➕ Żur https://enrd.ec.europa.eu

In-**newsletter elettronika tal-ENRD** tipprovdi l-aħħar aħbarijiet kollha dwar l-ENRD u l-iżvilupp rurali direttament fl-inbox tiegħek darba fix-xahar.

➕ Abbona onlajn u aqra n-newsletters preċedenti fuq is-sit elettroniku tal-ENRD.

**Rural Connections** hija r-rivista dwar in-netwerking tal-ENRD. Din il-pubblikazzjoni, li tiġi prodotta darbtejn fis-sena, tippreżenta l-aħħar aħbarijiet u aġġornamenti Ewropej, il-vuċijiet tal-partijiet interessati fil-qasam tal-iżvilupp rurali minn madwar l-Ewropa u taqsima tematika ta' rapporti u intervisti.

➕ Abbona onlajn u niżżel l-edizzjonijiet preċedenti minn fuq is-sit elettroniku tal-ENRD.









Il-mezzi tal-**midja soċjali** tal-ENRD jipprovdu diversi modi ta' kif wieħed isegwi l-aħħar aħbarijiet u żviluppi minn madwar in-netwerk tal-ENRD. Żomm ruħek aġġornat u żid il-vuċi tiegħek mal-iskambji.

✚ Sib il-mezz addattat għalik.



**Żur** il-**paġna ta' facebook tal-ENRD** għal eżempji ta' prattiki tal-iżvilupp rurali minn madwar l-UE — kif ukoll l-aħħar aħbarijiet u xejriet.

**Ara vidjos** dwar proġetti tal-iżvilupp rurali u kwistjonijiet tematiċi fuq l-istazzjon ta' **YouTube EURural**.



**Issieħeb** fil-**grupp tal-ENRD fuq LinkedIn** għal dibattiti, skambju ta' informazzjoni u diskussjoni dwar il-politika tal-Iżvilupp Rurali u kwistjonijiet ta' implimentazzjoni.

**Segwi @ENRD_CP fuqTwitter** għal aġġornamenti dwar il-politika tal-Iżvilupp Rurali tal-UE, aħbarijiet u avvenimenti.

KF-04-16-116-MT-N

# Żomm ruħek infurmat – invvolvi ruħek!



In-**Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (ENRD)** huwa l-istruttura li tlaqqa' flimkien lill-partijiet interessati kollha li għandhom l-għan li jiksbu riżultati mtejba fil-qasam tal-iżvilupp rurali fl-UE.

In-netwerk iservi bħala ċentru għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar kif il-politika, il-programmi, il-proġetti u inizjattivi oħrajn fil-qasam tal-Iżvilupp Rurali qegħdin jaħdmu fil-prattika u kif dawn jistgħu jittejbu sabiex jinkisbu aktar riżultati.

Ma hemm ebda rekwiżit ta' sħubija formali sabiex tissieħeb fl-ENRD, għalhekk, jekk għandek interess fl-eżiti tal-iżvilupp rurali fl-Ewropa, aħna qegħdin nistednuk iżżomm ruħek infurmat u tinvolvi ruħek!

https://enrd.ec.europa.eu

Sib aktar tagħrif ġewwa dwar:

- Il-politika u l-programmi tal-Iżvilupp Rurali tal-UE
- Il-valur miżjud tan-netwerking rurali
- Il-governanza tan-Netwerks Rurali tal-UE
- L-outputs u l-attivitajiet tal-Punt ta' Kuntatt tal-ENRD
- Ix-xogħol tal-Helpdesk Ewropew tal-Evalwazzjoni għall-Iżvilupp Rurali

Aġġornata l-aħħar: Frar 2016.

© L-Unjoni Ewropea, 2016
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata sakemm jiġi rikonoxxut is-sors.

**Punt ta' Kuntatt tal-ENRD**
Rue de la Loi / Wetstraat, 38 (bte 4)
1040 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Tel. +32 2 801 38 00
info@enrd.eu

**Helpdesk Ewropew tal-Evalwazzjoni għall-Iżvilupp Rurali**
Boulevard Saint Michel / Sint Michielslaan 77-79
1040 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Tel. +32 2 737 51 30
info@ruralevaluation.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-79-55150-5 – doi:10.2762/581308